# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 5 ta' Dicembru, 2001

## Avviz numru : 70/2001GT(GM)

**George Grech**

**vs**

**Pawlu Saliba**

**It-Tribunal**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li permezz tieghu l-attur talab:**

**" Ghid il-ghaliex m'ghandekx tkun ikkundannat li thallas lill-attur il-pagament ta' sebgha u ghoxrin liri maltin (Lm27) rapprezentanti in kwantu ghal Lm24.30 prezz tal-bejgh ta' merci li gew lilek mibjugha u kkonsenjati u in kwantu ghal Lm2.70 imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-konsenja (15.06.2000) sal 31 ta' Ottubru 2001.**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.**

**Bl-ispejjez ukoll tal-ittri interpellatorji tal-21 ta' Awissu 2001 u ta' 31 ta' Ottubru 2001.**

**Bl-imghaxijiet skond il-ligi mill-1 ta' Novembru 2001 sal-effettiv pagament."**

**U billi jirrizulta li s-sorte thallas fil-mori tal-kawza**

**U billi jirrizulta illi din il-kawza saret gustament kawza tan-nuqqas da parti tal-konvenut li jhallas lill-attur l-ammont minnu dovut u ghalhekk huwa passibbli ghall-hlas tal-ispejjez;**

**Għaldaqstant dan it-Tribunal jiddikjara l-proċediment eżawrit in kwantu jirrigwarda l-mertu tal-każ u jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi limitatement għall-ispejjeż ta' din l-istanza.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Ġudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**